**Emenda 3**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-attakki terroristiċi li seħħew dan l-aħħar fi Franza, fil-Belġju, fit-Tuneżija u f'Copenhagen jenfasizzaw it-theddida għas-sigurtà li qiegħda tinġieb bil-preżenza u l-moviment ta' dawn ***il-"ġellieda*** barranin" li spiss huma ċittadini tal-UE, fl-Ewropa u fil-viċinat tagħha; ***billi l-UE kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri, ġewwa u barra mit-territorju tal-UE;*** | C. billi l-attakki terroristiċi li seħħew dan l-aħħar fi Franza, fil-Belġju, fit-Tuneżija u f'Copenhagen jenfasizzaw it-theddida għas-sigurtà li qiegħda tinġieb bil-preżenza u l-moviment ta' dawn ***it-terroristi*** "barranin" li spiss huma ċittadini tal-UE, fl-Ewropa u fil-viċinat tagħha; |

Or. en



Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/4

**Emenda 4**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa AB a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ABa. billi sabiex jipprevjenu lit-terroristi milli jidħlu fil-pajjiżi tagħna, huwa imperattiv li jingħalqu l-fruntieri interni u jerġgħu jiġu introdotti l-kontrolli sħaħ tal-fruntieri fil-livell nazzjonali;*** |

Or. en

18.11.2015 A8-0316/5

**Emenda 5**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Titolu I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***I. Il-valur*** miżjud Ewropew ***fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni*** | ***I. Il-falliment ovvju tal-politiki Ewropej tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu juri nuqqas ta' valur*** miżjud Ewropew |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/6

**Emenda 6**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jenfasizza li ***d-diversità tal-Ewropa*** u ***l-komunitajiet multikulturali tagħha huma parti integrali min-nisġa soċjali tagħha u huma beni kulturali fundamentali***; ***iqis li kwalunkwe politika għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni trid tkun sensittiva u proporzjonata bil-għan li tirrispetta u ssaħħaħ in-nisġa soċjali mżewqa tal-komunitajiet;*** | 28. Jenfasizza li ***fruntieri miftuħa u l-immigrazzjoni tal-massa wrew li huma ta' xkiel għas-soċjetà*** u ***qed jippreżentaw theddida għas-sigurtà***; |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 7**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 44a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***44a. Jenfasizza l-fatt li l-massakru ta' Pariġi wera b'mod inkontestabbli li mingħajr kontrolli tal-fruntieri m'hemm l-ebda sigurtà fl-UE, u li l-politiki Ewropej dwar l-immigrazzjoni fallew fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu; jitlob, għal din ir-raġuni, li l-ġestjoni tal-kompetenzi u l-fondi kollha fdati f'idejn l-UE jingħataw lura lill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jikkontrollaw il-fruntieri tagħhom u jimplimentaw politika serja ta' ripatrijazzjoni;*** |

Or. en

18.11.2015 A8-0316/8

**Emenda 8**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 49**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 49. ***Itenni*** li ***l-UE għandha ttejjeb l-effikaċja tal-kontrolli fil-fruntieri esterni tagħha, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali***; ***jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jagħmlu użu tajjeb mill-istrumenti eżistenti bħas-SIS u l-VIS, inkluż b'referenza għal passaporti misruqa, mitlufa u ffalsifikati; iqis ukoll li, għal dan il-għan, l-infurzar aħjar tal-Kodiċi ta' Schengen għandu jkun waħda mill-prijoritajiet tal-UE;*** | 49. ***Huwa tal-fehma li persuni li marru s-Sirja u/jew l-Iraq biex jieħdu sehem jew jappoġġjaw organizzazzjonijiet terroristiċi m'għandhomx jitħallew jerġgħu jidħlu fl-UE***; |

Or. en



Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/9

**Emenda 9**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 49 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1) Huwa tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom jagħlqu l-fruntieri nazzjonali tagħhom biex jipprevjenu milli jseħħu attakki terroristiċi fuq territorju Ewropew;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/10

**Emenda 10**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 56a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***56a. Jemmen li huwa urġenti għall-Istati Membri biex jiffinalizzaw ftehimiet għal ritorn ta' priġunieri lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/11

**Emenda 11**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 58 – punt 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(1) Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' awtokritika mill-UE u mill-Istati Membri li appoġġaw il-kaos fis-Sirja billi appoġġaw l-hekk imsejħa ribelli Sirjani;*** |

Or. en

18.11.2015 A8-0316/12

**Emenda 12**
**Lorenzo Fontana, Harald Vilimsky, Vicky Maeijer**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 66a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***66a. Jenfasizza li, sabiex tiġi implimentata politika ġenwina tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, huwa wkoll meħtieġ li jiġu żarmati organizzazzjonijiet terroristiċi u li jitkeċċew dawk kollha involuti;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità